*is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 - l-Iskola appellata kienet ġiet rinfaċċata b'sitwazzjoni ta'* redundancy *meta l-Gvern rabatha sabiex tagħlaq l-iskola sekondarja - l-argumenti tal-appellant dwar it-tieni aggravju jittrattaw biss opinjonijiet fuq dawk il-fatti, u bl-ebda mod m'huma marbutin ma' xi punt legali*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 35/2023 LM

**Mazen Dadouch (K.I. nru. 108993(M))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Imam Muhammed El Sadi in rappreżentanza ta' skola Mariam Al Batool u li wara deċiżjoni preliminari datata fil-25 ta' April 2018 għandu jaqra biss Skola Mariam Al Batool**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Mazen Dadouch (K.I. nru. 108993(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l

quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fis-16 ta' Marzu, 2023, fil-Kwistjoni tax-Xoghol nru. 3613/JD, fil-konfront tal-intimat **Imam Muhammed El Sadi in rappreżentanza ta' skola Mariam Al Batool u li wara deċiżjoni preliminari datata fil-25 ta' April, 2018, għandu jaqra biss Skola Mariam Al Batool** [minn issa 'l quddiem 'l-Iskola appellata'] fejn iddeċieda kif ġej:

*"<u>DEĊIŻJONI</u>*

*Wara li fela r-rikorsi, ir-risposta tal-iskola, d-dikjarazzjonijiet tal-każ, id-dokumentazzjoni kollha, l-istqarrija ġuramentata, it-traskrizzjoni tax-xiehda u tat-trattazzjonijiet finali, u għamel il-kunsiderazzjonijiet tiegħu t-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni kienet għar-raġuni ta'* redundancy *u li saret skont kif jipprovdi l-Kap. 452. Ghalhekk it-temm tal-impjieg tas-Sur Dadouch minn mal-iskola Mariam Al Batool kien għal raġuni ġusta u suffiċjenti.*

*Għaldaqstant it-Tribunal jiċħad it-talba tas-Sur Dadouch biex it-Tribunal jiddikjara li eżistiet tkeċċija nġusta fil-każ tiegħu u għalhekk jiddikjara wkoll illi m'hemmx danni dovuti mill-iskola lir-rikorrent.*

*Rigward allegazzjonijiet illi saru mir-rikorrent dwar l-eżerċizzju tas-sensji u l-mod kif qed titmexxa l-iskola, it-Tribunal jirrileva li r-rikorsi tar-rikorrent saru fir-rigward ta' allegata nġustizzja fit-temm tal-impjieg tiegħu; ma sarux f'isem ħaddiehor. Għalhekk, la fil-fehma tat-Tribunal ma affettwawx is-sensja tar-rikorrent it-Tribunal ma jistax jidħol fil-każi tat-temm ta' mpjieg ta' impjegati oħra u lanqas għandu l-ġurisdizzjoni li jinvestiga kif l-iSkola qed tkun ġestita.*

*Rigward it-talba tar-rikorrent biex jitħallas tan-*notice money "kif jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża", *it-Tribunal ma* "rriżultalu" *xejn minn dan u għalhekk ma jistax jippronunzja ruħu fuq dit-talba.*

*It-Tribunal ma wasalx għad-deċiżjoni fi żmien iqsar minħabba differimenti.*

*Għall-iskop tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 id-drittijiet dovuti lil min assista lill-partijiet huma ta' €93 kull wieħed.*

*B'hekk tingħalaq dil-Kwistjoni tax-Xogħol."*

## Fatti

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw it-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg tiegħu bħala għalliem mal-Iskola appellata, allegatament fuq raġuni ta' *redundancy* b'effett mill-1 ta' Ottubru, 2017. Jirriżulta li huwa kien ilu mpjegat mal-Iskola appellata għal dawn l-aħħar għaxar snin, fejn serva bħala għalliem kemm fl-iskola primarja u anki fl-iskola sekondarja.

## Mertu

3. L-appellant istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fit-30 ta' Jannar, 2018 permezz ta' rikors fejn ippremetta dan li ġej:

> *"Illi huwa ġie ddikjarat* redundant *bħala għalliem tal-iskola sekondarja Mariam Al Batool u dan b'effett mill-1 ta' Ottubru 2017. Illi huwa kiteb lil Bord tad-Diretturi tal-istess skola fejn għarrafhom illi kien beħsiebu jikkontesta tali terminazzjoni tal-impieg tiegħu.*
>
> *Huwa kienu ilu mpjegat fl-iskola għal dawn l-aħħar għaxar snin fejn serva kemm bħala għalliem fl-iskola primarja u kemm bħala għalliem fl-iskola sekondarja. Kien hemm individwi illi ġew impjegati warajh, illi ġew miżmuma fl-impieg xorta waħda, waqt li tiegħu ġie terminat.*
>
> *L-iskola qed iġġib l-iskuża illi dawn kienu fl-iskola primarja u allura baqgħu fl-iskola primarja filwaqt illi hu li kien fi skola sekondarja dan l-aħħar, meta kien kif diġà ingħad serva fl-iskola primarja.*
>
> *Illi l-istess Mazen Dadouch għandu fil-pussess tiegħu is-Secondary Education Certificate fil-Malti. Illi in vista tal-fatt illi l-istess skola taċ-Ċentru Iżlamiku ma tatx widen għat-talba tiegħu ħalli jerġa' jiġi mogħti l-impieg tiegħu, kellu jirrikorri għat-Tribunal Industrijali."*

4. L-Iskola appellata ppreżentat id-dikjarazzjoni tagħha fil-15 ta' Marzu, 2018, fejn eċċepiet dan li ġej:

1. *ILLI preliminarjament jiġi sollevat li l-intavolar ta' proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali għandhom jiġi mibdija minn Dikjarazzjoni li ssemm l-fatti tal-kawża u mhux minn Rikors u għaldaqstant minħabba f'dan il-fatt, l-istanza hija proċeduralment insostenibbli u rritwali u għalhekk għandha tiġi riġettata u dan* ai termini inter alia *tal-Artikolu 75(3) tal-Att Dwar Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali [Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta] u kif ukoll tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.18 li tistabilixxi Regoli dwar il-Proċedura tat-Tribunal Industrijali;*

2. *ILLI strettament mingħajr pregudizzju għas-suespost l-azzjoni attriċi hija totalment nulla u rritwali stante li r-rikors promotur ta' Mazen Dadouch huwa redatt b'mod lankoniku għall-aħħar b'tali mod u manjiera illi mhux possibbli għall-iskola intimata li tiddetermina eżattament x'qiegħed allegatament jippretendi l-istess Mazen Dadouch mingħandha u barra minn hekk l-istess Mazen Dadouch filwaqt li ntavola rikors fl-istess ħin naqas milli jagħmel talba speċifika li permezz tagħha jitlob rimedju għal dak li allegatament jippretendi li għandu jieħu u/jew jingħata, liema talba hija pre-ordinata u neċessarja sabiex eventwalment dan l-Onorabbli Tribunal ikun jista' jgħaddi biex jew jilqa' tali talba jew fin-nuqqas jiċħad l-istess u għaldaqstant minħabba f'dan il-fatt, l-istanza hija proċeduralment insostenibbli u rritwali u għalhekk għandha tiġi miċħuda;*

3. *ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Imam Mohammed El Sadi għandu personalità ġuridika differenti minn dik tal-iskola Mariam Al Batool u peress illi r-relazzjoni tar-rikorrenti hija* se mai *mal-iskola Mariam Al Batool jinkombi fuq Mazen Dadouch li jipprova li l-Imam Mohammed El Sadi għandu r-rappreżentanza tal-iSkola Mariam Al Batool;*

4. *ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost l-għeluq tas-sezzjoni tal-livell sekondarju ma kinitx deċiżjoni arbitrari tal-iskola Mariam Al Batool, iżda kienet ġiet imposta fuq l-istess Skola mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u per ċio' dan huwa purament każ ta'* redundancy *kif kontemplat fil-liġi u mhux sempliċement tkeċċija inġusta kif irid jallega Mazen Dadouch;*

5. *ILLI mingħajr pregudizzju għas-suespost u fir-rigward ta' dak allegat minn Mazen Dadouch li kien hemm individwi li ġew impjegati warajh illi ġew miżmuma fl-impjieġ xorta waħda, l-esponenti jirrileva li fil-każ ta' dawn l-individwi dawk kienu jew* class teacher *jew* subject teacher *fil-primarja u għandhom esperjenza li jgħallmu s-suġġetti kollha, mentri Mazen Dadouch kien jgħallem is-suġġett tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, liema suġġett ma jiġix offrut fil-livell primarju;*

6. *ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost Mazen Dadouch kien għalliem tal-iskola Sekondarja u huwa stat magħruf li meta għalliem ikun ġie promoss minn skola Primarja għal waħda Sekondarja, il-prassi hija l-istess għalliem ma jistax' jerġa' jmur lura jgħallem ġewwa Skola Primarja stante li dan ikun meqjus bħala* 'demotion' *u dan speċjalment fil-każijiet fejn l-għalliem ikun speċjalizzat f'suġġett partikolari kif kien Mazen Dadouch u ċioe' is-suġġett tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni;*

7. *ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost meta għalliem ikun ġie promoss minn skola Primarja għal waħda Sekondarja, huwa jitlef postu fil-lista* qua seniority *u għaldaqstant anke jekk jagħti l-każ li għalliem ta' Skola Sekondarja juri x-xewqa li jibda jgħallem fil-livell primarju, iż-żmien li huwa jkun għamel jgħallem fil-livell sekondarju ma jiġix meħud in konsiderazzjoni u dan għall-finijiet u effett tar-regola tal-*last in first out;

8. *ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost Mazen Dadouch qatt ma wera xewqa jew interess u wisq anqas għamel talba formali lill-iskola sabiex huwa jkun jista' jgħallem fil-livell primarju bħala* class teacher *jew bħala għalliem ta' xi suġġett ieħor;*

9. *ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost jirriżulta li ftit wara li spiċċa mix-xogħol tiegħu minn mal-iskola Mariam Al Batool, Mazen Dadouch sab impjieg ieħor;*

10. *ILLI mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, kwalsiasi pretensjonijiet attriċi huma nfondata fil-fatt u fid-dritt;*

11. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Attur."*

## **Id-deċiżjoni preliminari**

5. Permezz tad-deċiżjoni preliminari tiegħu tal-25 ta' Ottubru, 2018, it-Tribunal iddeċieda billi ċaħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-Iskola appellata u laqa' parzjalment it-tielet eċċezzjoni tagħha, billi ordna li fl-okkju għandu jitneħħa l-isem tal-Imam Mohammed El Sadi, filwaqt li ddikjara li *"...ma sabx ġustifikazzjoni sufficjenti biex jannulla l-proċeduri ntavolati mir-rikorrent u għalhekk jordna l-prosegwiment tas-smigħ tal-Każ.".*

## Id-deċiżjoni appellata

6. It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni appellata wara li kkunsidra kif ġej:

*"__KUNSIDERAZZJONIJIET__*

1. *It-Tribunal huwa konvint illi l-iskola ffaċċjat sitwazzjoni ta'* redundancy *u dan minħabba diffikultajiet finanzjarji li ġiegħelu lill-Gvern jorbot is-sovvenzjoni li kien jagħti lill-iskola bil-kundizzjoni li tagħlaq l-iskola sekondarja b'seħħ mis-sena akkademika 2017/2018 (fn. 1 Dok. MES1).*

2. *Sar Rapport dwar il-ħtiġijiet kurrikulari tal-iskola għas-sena 2017/2018 magħmul mill-Amministrazzjoni tal-iskola, definita mill-istess rapport li kkonsistiet mill-Kap tal-iskola, is-sur Kenneth Busuttil, l-Assistent Kap tal-iskola, is-Sur Brian Vassallo, u l-Membru tas-*Senior Management Team *Ms Debbie Atanasio.*

   2.1 *Ir-Rapport juri li r-rikorrent bħala* runner-up *għal post ta' għalliem fl-iskola primarja. Matul il-preżentazzjoni tal-provi l-unika persuna li ssemmiet fost ir-*runners up *(fn. 2 Dawn kellhom jiġu offruti jmorru fil-primarja jekk dawk illi kellhom iktar servizz minnhom jirriżenjaw.) Illi dehru fir-rapport u li kellha servizz iqsar minn dak tar-rikorrenti hija Ms Sameah Shurrab, li kellha erba' snin ta' servizz anqas mir-rikorrent (fn. 3 Dok. MB1).*

   *Ms Shurrab qatt ma għallmet fis-sekondarja (fn. 4 Paġna 4 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-26 ta' Mejju 2022) Daħlet fuq* voluntary work *mal-Kindergarten, imbagħad saret għalliema fil-primarja u skont l-imsemmi rapport kien hemm bżonnha anki wara li kellhom jingħataw is-sensji bħala għalliema fix-xjenza (fn. 5 Section 3 tad-dok. MES2). Ms Shurrab kienet gradwata fix-xjenza (fn. 6 filwaqt illi r-rikorrent kien speċjalizzat fit-Teknoloġija tal-Informatika u Komunikazzjoni).*

   *Dan juri li fl-eżerċizzju tas-sensji, minbarra t-tul ta' servizz, kienet l-ispeċjalizzazzjoni tal-għalliema li fuqha, fl-aħħar mill-aħħar, serrħet id-deċiżjoni ta' lil min l-iskola offriet post ta' għalliem/a fil-primarja.*

3. *Ir-Rapport jgħid illi kemm ir-rikorrent kif ukoll Ms Shurrab u Sur Abdel Radwan ma kienux eliġibbli biex jintbagħtu l-primarja peress illi ma kellhomx kwalifika fl-ilsien Malti (fn. 7 Ir-Rapport sar fl-2016. Ir-rikorrent*

*ġab kwalifika fl-ilsien Malti f'nofs is-sena 2017 – Dok. MD1. Ir-rikorrent issottometta żewġ dokumenti bl-istess marka MD1 – wieħed dwar il-kwalifika fil-Malti u l-ieħor bħala prova li kien jgħallem f'St. Mark's Institute.)*

*Il-fatt illi l-istess Rapport irrakkomanda li jew Ms Shurrab jew is-Sur Radwan (gradwat fil-kimika) t/jintbagħat fil-primarja juri li tali kwalifika ma kienitx kriterju kritiku, esklussiv, u ndispensabbli għat-trasferiment mis-sekondarja għall-primarja.*

*Ir-rapport irrimarka li Ms Shurrab kienet ilha fl-impjieg mal-iskola ferm qabel is-Sur Radwan. U fil-fatt kienet Ms Shurrab li ġiet ittrasferita għall-primarja.*

4. *Is-suġġett tal-ICT u* Communications, *is-suġġett illi kien jgħallem ir-rikorrent, ma kienx l-uniku wieħed illi għas-sena 2016/2017 l-iskola ma kienitx se toffrih fil-primarja. Is-suġġett tal-Franċiż ukoll ma kienitx se toffrih u għalhekk l-għalliema li kienet tgħallmu, Ms Daniela Aloisio, kienet fost dawk immarkati mill-iskola li jingħataw is-sensja. (fn. 8 Paġna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-14 ta' Marzu, 2019) Jiġifieri s-sensja a bażi li s-suġġett illi kien imgħallem fis-sekondarja ma kienx se jkun offrut fil-primarja ma kienitx intiża biss għar-rikorrent.*
5. *L-Amministratur tal-iskola u President tal-*Board of Trustees, *l-Imam Muhammed El Sadi, xehed illi s-suġġett tal-*Computer *ma kienx qed ikun offrut fil-primarja (fn. 9 Paġna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-14 ta' Marzu, 2019) u dan ma kienx miċħud mir-rikorrent. Anzi, għall-mistoqsija dwar jekk wara li ngħata s-sensja ġiex impjegat xi ħaddiehor biex jgħallem is-suġġett tiegħu r-rikorrent wieġeb,* "S'issa ma naħsibx. Le." *(fn. 10 Paġna 10 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-5 ta' Novembru 2020)*
6. *It-Tribunal iqis illi hija prerogattiva tal-iskola li tistabilixxi liema suġġetti trid illi jkunu mgħallma fl-iskola tagħha, sakemm ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u Kultura għal xi suġġett jew għal xi nuqqas ta' suġġett.*
7. *Ir-rikorrent ma kellux esperjenza jew kwalifika biex jgħallem suġġett ieħor. Dan stqarru huwa stess,* "Teacher tal-IT kont. Kont ngħallem IT biss. Ma kontx ngħallem suġġett ieħor." *(fn. 11 Paġna 9 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-5 ta' Novembru 2020)*

8. *It-Tribunal ma ngħatax prova li r-rikorrent għamel talba formali lill-iskola biex jgħallem fil-primarja bħala* class teacher *jew bħala għalliem ta' suġġett għajr dak tal-ITC u* Communications.

9. *Ma rriżultax li xi ħadd fl-iskola għallem is-suġġett tal-ITC u* Communications *fil-primarja wara s-sensja tar-rikorrent u lanqas ma rriżulta illi wara s-sensja tar-rikorrent ġie mpjgat xi ħadd biex jgħallem is-suġġett.*

   *It-tweġiba tas-Sur Dadouch għall-mistoqsija dwar jekk l-iskola kienitx qed tgħallem l-ICT u l-*Computer Studies, *kienet,* "Le. Ma għandix idea. Ma naħsibx. Ma għandix idea." *(fn. 12 Paġna 8 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-5 ta' Novembru, 2020)*

   *Għall-mistoqsija jekk kienx hemm xi ħaddiehor fl-iskola li jgħallem l-istess suġġetti tiegħu r-rikorrent wieġeb,* "Jiena biss."

10. *Ir-rikorrent ippreżenta dokument MD1 akkumpanjat minn* binded file *biex juri li kien jorganizza korsijiet fil-*Computer Studies *għal studenti tal-Primarja (fn. 13 Paġna 6 tat-traskrizzjoni tas-seduta tal-14 ta' Marzu, 2019) fl-istess żmien illi kien jgħallem fis-sekondarja tal-iskola.*

    *L-ewwelnett tali dokumentazzjoni hija rrilevanti għaliex l-entità li kien jagħti lezzjonijiet fiha, u ċioe' St. Mark's Institute, kienet estranea mill-iskola. Sta għall-iskola tiddeċiedi jekk toffrix* Computer Studies *fil-primarja.*

    *It-tieninett l-istess dokumentazzjoni ma tikkonvinċix illi l-lezzjonijiet illi r-rikorrent kien jagħti fl-entità msemmija kienu fi grad ta' student fil-primarja. Studenti fil-primarja ma jmorrux għax-xogħol; l-*email *tas-Sur Dadouch lil St. Mark's Institute datata 2 ta' Lulju 2012 turi li l-istudenti jkunu għadhom ġejjin dritt mix-xogħol għal-lezzjonijiet! U l-*footers *tal-*emails *tar-rikorrent lil St. Mark's Institute tal-21 ta' Mejju, 2012, 12 ta' Ġunju, 2013, u tal-31 t'Ottubru, 2013, juru* "Computer Private Lessons ECDL Core & Advanced, Short Courses for Adults ..." *bla ndikazzjoni li r-rikorrent joffri korsijiet għat-tfal ta' livell tal-iskejjel primarji. Jekk xejn, dad-dokument jikkonferma li r-rikorrent kien orjentat lejn tagħlim għal studenti ta' livell ta' skola sekondarja u għall-adulti.*

11. *L-akkuża tar-rikorrent illi nżammu fl-impjieg għalliema li bejn iż-żmien ili għamlu jgħallmu fil-primarja u fis-sekondarja flimkien kellhom anqas servizz minn dak tar-rikorrent ma kienitx ippruvata. Kienu tlieta l-għalliema li kienu jgħallmu fis-sekondarja u li nżammu biex jgħallmu fil-primarja. L-ebda wieħed/waħda minnhom ma kienu jgħallmu l-ICT u* Communications.

*Għalkemm għat-Tribunal kollox jorbot fuq il-punt illi t-tlieta kienu jgħallmu suġġetti differenti minn dak tar-rikorrent, tajjeb illi jkun ikkunsidrat ukoll illi tnejn minnhom kellhom servizz itwal minn tiegħu u t-tielet waħda daħlet fl-istess xahar u sena tiegħu (fn. 14 Dok. MB3) u kienet u baqgħet membru tas-*Senior Management Team.

12. *Il-ħatra tar-rikorrent meta daħal fl-impjieg tal-iskola, fl-2008, mid-Direttorat Għal Kwalità u* Standards *Fl-Edukazzjoni, tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u Kultura, kienet, għas-sena 2008/2009, dik ta' għalliem fil-grad ta'* Supply Graduate *u fis-suggett tat-Teknoloġija tal-Informatika. Ma nġabet l-ebda prova li matul is-servizz tar-rikorrent mal-iskola saret bidla fis-suġġett li kien approvat illi jgħallem.*

13. *Fin-nota responsiva tar-rikorrent għas-sottomissjonijiet finali kien allegat illi l-lista ta' min kellu jingħata s-sensja saret b'sens ta' nepotiżmu (fn. 15 Pagna 1). Għalkemm mhux ir-rwol tat-Tribunal illi jidhol f'tali meritu, peress illi l-Kwistjoni hija dwar jekk ir-rikorrent ingħatax is-sensja minflok xi ħaddiehor, it-Tribunal sab illi l-allegazzjoni mhix minnha. L-ittra tal-avviż tas-sensja tat-tifla tal-Imam, Ms Noor Elsadi (fn. 16 MES5), kif ukoll il-formola mimlija tat-Tmiem tal-Impjieg tal-istess Ms Elsadi (fn. 17 MES6) ma kienux ikkontestati. Dad-dokumenti juru li Ms Elsadi ngħatat is-sensja wkoll.*

*It-trasferiment għall-primarja tat-tlett għalliema li kienu jgħallmu s-sekondarja, liema trasferiment sar minħabba l-eżerċizzju tas-sensji, sar skont l-imsemmi Rapport dwar il-htiġijiet tal-iskola għas-sena 2017/2018 (fn. 18 MES2). Ir-Rapport ma semmiex illi għas-sena msemmija kien hemm il-ħtieġa tat-tifla tal-Imam. U t-tifla tal-Imam ingħatat is-sensja.*

*Ma jirriżultax illi l-Imam kellu lil xi ħaddiehor jiġi minnu u li kien jaħdem mal-iskola bħala għalliem/a.*

*Għalhekk l-akkuża ta' nepotiżmu fl-eżerċizzju tas-sensji taqa'.*

14. *Id-dokument MB3 sar mid-Direttur Ġenerali tal-Edukazzjoni b'diskussjoni mal-*Malta Union of Teachers *(fn. 19 Paġna 7 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-27 ta' Mejju, 2021).*

*Id-dokument juri li fil-każ tas-Sur Dadouch ma kienx hemm* "change of role" *(bidla minn servizz fil-primarja għal dak fis-sekondarja jew vice versa), iżda kien ħadem biss fis-sekondarja. Jiġifieri għall-MUT u d-Direttur tal-Edukazzjoni s-Sur Dadouch ma kellux esperjenza fil-Primarja. Juri wkolli illi*

*s-Sur Dadouch kien fost dawk illi jistgħu jintlaqtu mis-sensji u kellu jingħata l-opportunità li jimla, jekk ikun hemm, post battal fil-Primarja.*

*Peress illi s-suġġett illi kien jgħallem ir-rikorrent ma kienx offrut fil-primarja ma setax ikun hemm post battal għar-rikorrent. It-Tribunal ma kellux dubju li kemm id-Direttur Ġenerali kif ukoll l-MUT ma ppretendewx illi l-istudenti tal-primarja jkunu mgħallma suġġett minn persuna li ma kienitx intiża sew fis-suġġett u fil-metodi tal-pedagoġija għal studenti fil-primarja.*

15. *Fil-konklużjoni tan-Nota Responsiva tiegħu r-rikorrent stqarr illi,* "Kieku Mazen Dadouch tħalla jgħallem biss l-information technology u dejjem kien ikollu bidu ta' raġun l-Imam, imma mhux meta nqeda bih bħala teacher tajjeb għall-primarji, u dan għal żmien twil. L-istatus tiegħu kien sar ta' teacher mingħajr riservi u esklużjonijiet.".

    *L-Artiklu 2 tal-Kap. 452 ifisser illi meta wżata fil-kuntest ta' kategorija ta' impjegati,* "klassi ... għandha tinftiehem għax-xogħol magħmul jew mistenni li jsir indipendentement mit-titolu jew l-isem mogħti lill-kariga."

    *Kif muri fil-kunsiderazzjoni numru 7, ir-rikorrent innifsu stqarr illi huwa għallem biss l-IT.*

    *Bid-dikjarazzjoni tiegħu stess ir-rikorrent ikkonferma li huwa kien għalliem tal-IT. Anki l-ispeċjalizzazzjoni akkademika tiegħu kienet B.Sc. (*Information Systems) *(fn. 20 Dok. MB1).*

16. *Il-pern illi fuqu ddur dil-kwistjoni tax-xogħol iserraħ fuq jekk:*

    *16.1. l-iskola kienitx kostretta li tagħti s-sensji;*
    *16.2 ir-rikorrent kellux jintlaqat bis-sensja u dan ikun deċiż minn jekk:*

    *16.2.1 is-suġġett/i li fih/fihom seta' jgħallem kienx/kienux se jibqa' jingħata fil-primarja;*
    *16.2.2 kienx hemm impjegat/i ieħor/oħra li setgħu jgħallmu s-suġġett/i tiegħu;*
    *u*
    *16.2.3 wara li ngħata s-sensja kienx impjegat ħaddiehor biex jgħallem is-suġġett/i tiegħu.*

17. *It-twegiba għal 16.1 hija fl-affermattiv filwaqt illi għal 16.2 sa 16.2.3 hija fin-negattiv.*

> 18. *Il-fatt illi l-htiġijiet tal-iskola ġew proposti mill-Amministrazzjoni tal-iskola filwaqt illi d-deċiżjoni ta' min għandu jingħata s-sensja ttieħdet minn ħaddiehor jirrifletti sistema ta' oggettività fl-eżerċizzju tal-għoti tas-sensji. (fn. 21 Doki BV1, u MES2)*
> 19. *Fil-kwadru tal-kunsiderazzjonijiet illi għamel u fl-assjem tal-atti, it-Tribunal huwa sodisfatt illi t-terminazzjoni tal-impjieg tas-Sur Dadouch kienet għar-raġuni ta'* redundancy *u li saret skont kif jipprovdi l-Kap 452."*

**<u>L-Appell</u>**

7. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-28 ta' Marzu, 2023 fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex *"...tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tirrimettiha jekk hemm bżonn quddiem it-Tribunal Industrijali għad-deċiżjoni fuq il-kumpens.".* Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (i) il-kunsiderazzjonijiet legali tat-Tribunal huma żbaljati; u (ii) it-Tribunal kien legalment żbaljat meta kkunsidra li min daħal biex jgħallem l-IT ma jistax jiġi meqjus li jista' jgħallem suġġett ieħor jekk jiġi biex jidħol fi skola primarja.

**<u>Ir-Risposta</u>**

8. L-Iskola appellata għażlet li ma tweġibx bil-miktub.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tikkonsidra jekk l-appell odjern jiswiex abbażi ta' jekk l-appellant ottemporax ruħu mad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Il-Qorti tirrileva li dan is-subartikolu jitlob li appell minn sentenza tat-Tribunal għandu jsir biss fuq punt ta' liġi, u dan fiċ-ċirkostanzi hemmhekk imfissra, fosthom fejn il-każ ikun jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal

skont it-Titolu 1 tal-istess liġi jew skont ir-regolamenti magħmulin taħtu. M'hemmx dubju li t-talba tal-appellant lit-Tribunal kienet waħda għal dikjarazzjoni ta' tkeċċija inġusta. Dan huwa saħansitra ddikjarat fl-ewwel paragrafu tar-rikors tal-appell tiegħu. Il-Qorti tgħid li l-appell odjern jista' jkun permess biss jekk jaqa' fil-parametri stabbiliti mis-subartikolu ċitat u għalhekk ser tgħaddi sabiex tinvestiga jekk l-appellant ottemporax ruħu mas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.

10. L-appellant jgħid li l-ewwel aggravju tiegħu huwa li t-Tribunal għamel kunsiderazzjonijiet legali li huma żbaljati. Isostni li r-regola *'first in last out'* ma kinitx ġiet applikata, u t-Tribunal minflok straħ fuq fatturi li ma kellhom xejn x'jaqsmu magħha. Jispjega li t-Tribunal ippretenda li l-appellant kellu l-obbligu li jmur jitlob li jiġi ttrasferit għall-iskola primarja, meta l-iskola sekondarja kienet ser tagħlaq. Il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-appellant, anki jekk għandu jitqies li huwa qiegħed iqajjem kwistjoni legali marbuta mar-regola '*first in last out*'. It-Tribunal hawnhekk kien qiegħed biss jikkunsidra l-fatt tan-nuqqas ta' talba formali min-naħa tal-appellant sabiex jgħallem fil-primarja bħala *class teacher* jew bħala għalliem ta' suġġett li ma kienx tiegħu, bil-għan li jistabbilixxi jekk tassew kellux raġun jilmenta li huwa kien tkeċċa inġustament mingħajr ma ngħata l-opportunità li jaħdem bħala għalliem fl-iskola primarja. Tirrileva li dan ma kienx l-uniku fattur li t-Tribunal ħa in konsiderazzjoni sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, għaliex d-deċiżjoni appellata fiha saħansitra erba' paġni u nofs ta' argumenti, fosthom li tassew l-Iskola appellata kienet ġiet rinfaċċata b'sitwazzjoni ta' *redundancy* meta l-Gvern rabatha sabiex tagħlaq l-iskola sekondarja. Għalhekk ċertament l-appellant m'għandu l-ebda raġun hawnhekk.

11. It-tieni aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal kien żbaljat meta qal li jekk wieħed ikun daħal biex jgħallem l-IT, ma jkunx ikkunsidrat li jista' jgħallem suġġett ieħor jekk jiġi biex jidħol jgħallem f'skola primarja. Iżda l-argumenti tal-appellant li jsegwu jittrattaw biss opinjonijiet fuq dawk il-fatti, u bl-ebda mod m'huma marbutin ma' xi punt legali. Għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dan it-tieni aggravju tal-appellant.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi l-ewwel aggravju tal-appellant billi tiċħdu, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju tiegħu stante li dan ma jirrigwarda l-ebda punt ta' liġi u għaldaqstant huwa rritu u null, u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Bl-ispejjeż tal-proċedura quddiem it-Tribunal u dawk ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**